

31995R1476

L 145/35

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.6.1995

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1476/95**tat-28 ta' Ġunju 1995****li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żejt u x-xaħmijiet ⁽¹⁾, skond l-aħħar emendi permezz tal-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Filandja u l-Isvezja, u permezz tar-Regolament (KE) Nru 3290/94 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2041/75 ⁽³⁾, skond l-aħħar emendi permezz tar-Regolament (KE) Nru 557/91 ⁽⁴⁾, jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u advance fixing certificates għaż-żejt u x-xaħmijiet;

Billi, mill-1 ta' Lulju 1995, id-dispożizzjonijiet tal-ftehim magħmula matul l-*Uruguay Round* tan-negozjati japplikaw għal importazzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa ġewwa l-Komunità;

Billi ċerti regoli dettaljati speċjali għandhom ikunu stabbiliti dwar importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa; billi, b'mod partikolari, il-perjodu tal-validità ta' liċenzji u l-garanzija applikabbli għandhom ikunu stabbiliti u għandu jkun approvdut ukoll li sabiex wieħed jibbenefika mis-sistemi ta' importazzjoni speċjali bħal ma huma daww approvduti għall-Alġerija, il-Libanu, il-Marokk, it-Tuneżija u t-Turkija, il-pajjiżi membri in kwistjoni għandhom ikunu indikati fil-liċenzja;

Billi l-importazzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa mit-Tuneżija kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 287/94 ⁽⁵⁾ huma magħmula ab bażi ta' ftehim li jiskadi fl-aħħar ta' Ottubru 1995; billi kundizzjonijiet li jaffettwaw daww l-importazzjonijiet ma jistgħux jinbidlu qabel dik id-data;

Billi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2041/75 għandhom ikomplu japplikaw għal daww l-importazzjonijiet; billi dak ir-Regolament għandu wkoll ikompli japplika għal liċenzji ta' esportazzjoni sal- 31 ta' Ottubru 1995; billi, għalhekk, peress li r-Regolament ma jistax jiġi mħassar qabel dik id-data, għandu jkun stabbilit b'mod espliċitu li d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar liċenzji ta' importazzjoni japplikaw biss għall-importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa mit-Tuneżija hawn fuq imsemmija;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma b'żieda ma' u b'deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 ⁽⁶⁾, skond l-aħħar emendi permezz tar-Regolament (KE) Nru 1199/95 ⁽⁷⁾;

Billi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għal Żjut u Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni introdotti permezz ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 136/66/KEE.

Artikolu 2

1. Sabiex wieħed jikkwalifika għall-arranġamenti speċjali stabbiliti fir-Regolamenti adottati għall-implimentazzjoni tal-ftehim magħmula mill-Komunità ma' ċerti pajjiżi terzi, it-taqsima 7 u 8 ta' l-applikazzjonijiet tal-liċenzja ta' importazzjoni u tal-liċenzji nfishom għandhom juru l-pajjiż terz in- kwistjoni.

2. F'daww il-każijiet, liċenzji għandhom iġorru obligazzjoni biex issir importazzjoni mill-pajjiż terz indikat ta' prodott li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti msemmija fil-paragrafu 1 li dwarhom tkun inħarġet il-liċenzja.

Artikolu 3

1. Il-perjodu ta' validità ta' liċenzji ta' importazzjoni hu ta' 60 jum mid-data tal-ħruġ skond it-tifsira ta' l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88.

2. Garanziji għal liċenzji ta' importazzjoni għandhom jammon-taw għal ECU 10 kull 100 kilogramm nett.

Artikolu 4

Sa mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2041/75 dwar liċenzji ta' importazzjoni għandhom japplikaw unikament għal importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa li joriġina fit-Tuneżija kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 287/94.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1995. Iżda, dan ma japplikax għal żejt taż-żebbuġa li joriġina fit-Tuneżija importat bis-saħħa tas-sistema msemmija fir-Regolament (KE) Nru 287/94.

⁽¹⁾ ĠU L 172. tal-30.9.1966, p. 3025/66⁽²⁾ ĠU L 349. tal-31.12.1994, p. 105⁽³⁾ ĠU L 213. tal-11.8.1975, p. 1⁽⁴⁾ ĠU L 62. tal-8.3.1991, p. 23⁽⁵⁾ ĠU L 39. tal-10.2.1994, p. 1⁽⁶⁾ ĠU L 331. tal-2.12.1988, p. 1⁽⁷⁾ ĠU L 119. tal-30.5.1995, p. 4

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it- 28 ta' Ġunju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni
